**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 8 ta’ Mejju 2023**

**Rikors Nru.  449/2021 GM**

**Doris Refalo (ID 331256; u Rita Sacco (I.D.614559M)**

**vs**

**Awtorita` tad-Djar;**

**Avukat tal-Istat u**

**Leone, magħruf bħala Roy, Schembri (I.D. 154056M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta’ Doris Refalo u Rita Sacco li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

l. Omm l-esponenti, id-defunta Maria Mifsud, wirtet sehem indiviz mill-fond bin-numru mija tmienja u disgħin (198), Triq il-Vitorja, Ħamrun, ġia magħruf bħala 9, Brewery Street, Ħamrun, mingħand ommha Francesca Aquilina li mietet fil-hdax (11) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tlieta u hamsin (1953) u b'testment li hija għamlet fl-atti tan-Nutar Francesco Tabone Adami tad-disgħa (9) ta' Ġunju 1953 hija ħalliet l-uzufrutt lil zewgha Giovanni u nnominat eredi lit-tliet uliedha Maria, Riccardo u Giuseppe. Id-denunzja tagħha ġiet notifikata lill-Gvern bl-avviz numru elfejn mija u sbatax tas-sena 1953 (2117/1953) u t-taxxa relativa tħallset fis-sebgħa (7) ta' Ottubru elf disa' mija tlieta u hamsin (1953).

2. Omm l-esponenti, Maria Mifsud, mietet fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) u d-denunzja tagħha ġiet notifikata bl-avvizi tliet elef tmien mija u erbgħa tas-sena 1982 (3804/1982) u mija tas-sena elfejn u tnejn (100/2002).

3. Maria Mifsud mietet b'testment fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia tal-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) li bih innominat eredi liz-zewg uliedha l-esponenti rikorrenti.

4. Il-proprjeta' li ntirtet mingħand in-nanna Francesca Aquilina, ġiet diviza permezz ta' att ta' divizjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Famrgia fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok. RD 1) u l-fond numru mija tmienja u disgħin (198), Triq il-Vitorja, Ħamrun ġie assenjat lill-esponenti.

5. Il-proprjeta' in kwistjoni kienet ġiet mogħtija lil Carmelo Caruana b'titlu ta' subenfitewsi temporanju għal perjodu ta' sbatax-il sena, permezz ta' att ippublikat fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia fl-14 ta' Gunju, 1965 (Dok. RD 2).

6. Carmelo Caruana jew l-aventi kawza tiegħu, kien ha xi proprjeta' tal-Gvern u rritorna c-cwievet tal-fond de quo lill-Housing Secretary, li sussegwentement irrekwizizzjona l-fond taħt il-Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta u allokaħ lil Leone, magħruf bħala Roy, Schembri u dana skont ordni ta' rekwiżizzjoni numru 32778 maħrug fit-23 ta' Novembru, 1982 (Dok. RD 3).

7. Leone, magħruf bħala Roy, Schembri, kif diga' ingħad ingħata l-pussess tal-istess fond mingħand il-Housing Secretary bis-saħħa tar-rekwiżizzjoni fuq imsemmija u mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni tar-rikorrenti odjemi jew l-antekawża minnhom.

8. Ir-rikorrenti u l-antekawża minnhom ġew affaċċjati b'din l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni b'mod inġust u b'mod abbużiv u dan stante li huma kienu oriġinarjament ikkonċedew il-fond b'konċessjoni enfitewtika temporanja lil Carmelo Caruana, li sussegwentement ta c-cwievet lill-Housing Authority li mbagħad taħt il-Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta insistiet u eżiġiet li toħrog din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni u liema Ordni ta' Rekwiżizzjoni tikser id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kostuzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan

stante illi l-kera li imponewlhom li jircievu ma kenitx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali għad-drittijiet tagħhom bħala sidien.

9. Għalhekk effettivament ir-rikorrenti u l-antekawża tagħhom ġew spossessati mid-dritt ta' użu tal-proprjeta' tagħhom u għalhekk ġew assoġġettati wkoll għal relazzjoni forzata ta' sid u inkwilin għal perjodu indefinit u ntilef il-bilanċ bejn l-interessi tal-inkwilini u dawk tas-sid, minkejja li fis-suq liberu kien iġib kera ferm aktar għolja minn dak offrut lilhom.

10. Il-Gvern arbitrarjament iffissa l-kera pagabbli fis-sena lir-rikorrenti liema somma hija naturalment waħda minima ħafna u zgur ma kenitx tirrifletti l-valur fis-suq tal-fond.

11. Sussegwentement il-fond in kwistjoni ġie derikwizzjonat, b'dan pero' li l-intimat Leone Schembri, baqa' jokkupa l-fond b'titolu ta' kera u dan b'mod sforzat fuq ir-rikorrenti.

**Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri.**

12. Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att X tal-2009 fl-l ta' Jannar, 2010, il-kera ġiet awmentata għal €185 fis-sena, u baqgħet tiġi awmentata kull tliet snin ai termini tal-Liġi b'mod li issa l-intimat Schembri qed iħallas kera fl-ammont ta' mitejn u tmien ewro u tmenin ċenteżmu (€208.80) fis-sena u dan filwaqt li l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm aktar minn dan.

13. Bl-emendi tal-Att X tat-2009, il-kera tal-fond in kwistjoni tiġi awmentata kull tliet snin b'zidiet irriżorji ai termini tal-Artikolu 153lĊ tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, abbażi tal-Indiċi ta' Inflazzjoni, bl-awment li jmiss ikun fl-l ta' Jannar 2022.

l4. Għalkemm l-Att X tal-2009 taffa xi ftit l-inġustizzji li l-liġijiet tal-kera kienu qed joholqu fil-konfront tas-sidien tal-proprjeta', l-istess Att bl-ebda mod ma għamel ġtrstizzja mal-esponenti u dan peress li bl-istess liġi, l-intimat Schembri ingħata l-jedd li jibqa' jirrisjedi fil-fond u dan filwaqt li ulied l-istess esponenti qed ikollhom jisselfu mill-banek biex ikollhom post fejn jirrisjedu.

15. Inoltre, la l-esponenti u wisq anqas l-antekawża tagħhom ma qatt kienu taw il-kunsens ħieles tagħhom li l-fond jinkera kif fuq premess, tenut kont tal-liġi tar-rekwiżizzjoni li kienet viġenti fiż-żmien li l-fond inkera.

16. Bl-introduzzjoni tal-Att XXIV tas-sena 2021 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti, qua sidien, ingħataw il-jedd li jipproċedu kontra l-intimat Schembri għaż-żieda tal-kera bir-rata ta' 2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond lokatizju. Din iż-żieda pero' tapplika biss b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2021, u bl-ebda mod ma tikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni kollha sofferti qabel l-introduzzjoni ta' dan l-Att. Mhux biss iżda anke l-Att XXIV tas-sena 2021, għalkemm taffa l-inġustizzji gravi li kienu viġenti

sa qabel l-introduzzjoni tal-Att, xorta waħda ma jirriflettix il-kirjiet fis-suq liberu u miftuħ.

17. B'dan il-mod, l-esponenti ġew u effettivament għadhom qed jiġu pprivati mit-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom, mingħajr ma ngħataw kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond u dan stante li l-kera li qed jipperċepixxu bl-ebda mod ma tqarreb lejn il-valur lokatizzju reali tal-istess fond.

18. Tali privazzjoni tal-proprjeta' tikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fundamentali tal-esponenti kif sanċit bl-Atikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

19. Ir-rikorrenti, b'mod partikolari qabel l-introduzzjoni tal-Att XXIV tas-sena 2021, ma kellhomx, rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għax ma setgħux iżidu l-kera b'mod ekwu u ġust skont il-valur tas-suq tal-lum, minhabba li dak li effettivament huma setgħu jirċievu kien dak kif limitat bil-Kap. 69, Kap.125 u l-Kap. l6 tal-Liġijiet ta' Malta.

20. Dan kollu diga' ġie determinat fil-kawzi "Amato Gauci vs Malta" deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru, 2009; Lindheim and others vs Norway deċiża fit-12 ta' Ġunju, 2012; u Zammit and Attard Cassar vs Malta, kawża numru 1046/12 deċiża fit-30 ta' Lulju, 2015.

2l. F’dan ir-rigward, qed issir referenza għall-kawża tal-Qorti Kostituzzionali datata ta' Marzu 2020, fl-ismijiet Joseph Grima, Georgina Grima, u Doreen Grima vs Avukat Ġenerali u Lawrence Aquilina u Iris Aquilina fejn ġie ssenjalat is-segwenti:

> "L-atturi ma jistgħux jeżerċitaw id-dritt ta' użu tal-fond għal dak li għandu x’jaqsam il-pussess fiżiku peress li d-dar hi okkupata mill-inkwilin u ma jistgħux jitterminaw il-kirja minn jeddhom. Għalhekk għalkemm huma sidien, b'liġi iddaħltlu f'relazzjoni ta' sid u inkwilin għall-perjodu indefinit. M'huwiex magħruf id-data meta l-atturi jkunu jistgħu jieħdu lura l-pussess fiżiku tad-dar. Saħansitra, l-liġi lanqas tagħti lil sid il-kera rimedju effittiv sabiex jiehu lura l-pussess ta' ħwejġu fejn si tratta ta' inkwilin li ma jistħoqqlux il-protezzjoni tal-liġi, jew tagħmilha ferm diffiċli lis-sid biex jiehu lura hwejġu fejn ikollu bżonn id-dar għall-użu personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu. Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn il-liġi tal-kera mhijiex toħloq bilanċ bejn l-interessi tas-sid u u dawk tal-inkwilini."

22. Tenut kont tas-suespost u minħabba r-restrizzjonijiet imposti bil-liġijiet ċitati, l-esponenti sofrew minn sproporzjon qawwi bejn l-interessi ġenerali tal-komunita’ u l-bżonnijiet u protezzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif deċiż ad exemplum fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet: Beyeler vs Italy, u Alisic and Others vs Bosnia and Herzegovina, Croatia, Serbia, Slovenia and the Former Yugoslav Republic of Macedonia.

23. Ir-regolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza mad-dritt tas-sidien għall-użu tal-proprjeta' tagħhom stante illi l-kirja sfuzata u r-restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sidien li jitterminaw l-istess kirja jikkostitwixxi kontroll tal-użu tal-proprjeta' fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (vide Hutten-Czapska ys Poland, numru 35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, Bitto and Others vs Slovakia, numru 30255/09, § 101, 28 ta' Jannar, 2014 u R&L, s.r.o. and Others § 108) u dan ukoll jincidi fuq id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

24. B'hekk l-esponenti jhossu li fir-rigward tagħhom inkisru u għadu effettivament qed jiġu miksura d-drittijiet tagħhom kif sanċiti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Umani, billi qed jiġu mċaħħda mill-godiment tal-propreta' tagħhom, mingħajr ma jingħataw kumpens ġust u ekwu għal dan.

25. Għalhekk l-esponenti ma kellhomx triq oħra għajr li jintavolaw il-proċeduri odjerni sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tagħhom li ilhom jiġu leżi għal diversi snin.

26. Fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti għandhom jirċievu sija danni pekunjarji u non-pekunjarji mingħand l-intimati, jew min minnhom, kawża tal-leżjoni li huma sofrew minhabba legiżlazzjoni nġusta u mhux ekwa u li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tal-inkwilini u dawk tas-sid.

27. L-esponenti jiddikjaraw li huma jafu personalment b'dawn il-fatti u għal dan il-għan qed jiġi anness affidavit tal-esponenti Doris Refalo (Dok. RD 4).

**Talbiet**

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi minhabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, kif ukoll minhabba d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta u minħabba l-Ordni ta' Rekwizizzjoni 32778/82, u d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u minhabba d-dispożizzjonijiet tal-Att X tal-2009, b'mod partikolari kif emenda l-Artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, teżisti leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Umani u li l-effetti ta' tali Ordni ta' Rekwizizzjoni għadhom sal-lum jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti, u li konsegwentement l-esponenti għandhom jingħataw ir-rimedji kollha li din l-Onor. Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni;

ii. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond numru mija tmienja u disgħin (198), Triq il-Vitorja, Ħamrun, ġgia magħruf bħala 9, Brewery Street,

Ħamrun, proprjeta’ tar-rikorrenti a favur tal-intimat Leone magħruf bħala Roy Schembri, tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikonenti kif sanċiti fl-Arlikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-konvezjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna li r-rikorrenti jingħataw rimedju xieraq skont kif jidhrilha din l-Onorabbli Qorti.

iii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tar-rekwizizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin stante li ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta’ in kwistjoni;

iv. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorenti ai termini tal-Liġi; u

v. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepexxa illi :

1. Fl-ewwel lok, l-esponent jirrileva illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma kellhiex tiġi promossa permezz ta' rikors ġuramentat iżda permezz ta' sempliċi rikors, u dan hekk kif jiddisponi r-regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, qiegħed jiġi eċċepit li hekk kif jipprovdi l-ewwel proviso tas-sub-inċiż, (2) tal-artikola 164 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti għandhom jiġu ordnati jhallsu ż-żieda addizzjonali li sejra ssir fl-ispejjeż ta' din il-kawża b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas proċedurali;

2. In linea preliminari, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa dwar il-konsegwenzi tal-ħrug tal-ordni ta' rekwiżizzjoni bin-numru 32778/82, l-esponent jeċċepixxi li huwa mhux il-leġittimu kontradittur għal dan l-ilment, u dan a tenur tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konsegwenzi ta' ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni huma materja li llum taqa' fil-kompetenza tal-Awtorita' tad-Djar u għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn il-ħrug tal-ordni ta' rekwilizzjoni bin-numru 32778/82 ir-rappreżentanza tal-Gvern tispetta lill-imsemmija Awtorita'. Għalhekk, l-esponent Avukat tal-Istat ma jirrispondix għal dan l-ilment;

3. Fid-dawl ta' dak li qiegħed jiġi allegat fir-rikors promotur ikun xieraq li r-rikorrenti jgibu: (i) prova li huma tassew is-sidien tal-fond 198, Triq il-Vitorja, Ħamrun; (ii) prova tal-ordnijiet ta' rekwiżizzjoni u derekwiżizzjoni li nħargu fuq l-fond hawn imsemmi; u kif ukoll (iii) prova li l-imħarrek Leone Schembri tabilħaqq igawdi minn kirja li tiġġedded skont il-Kapitolu 59 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. F'dan il-kuntest iż-żmien kollu li Leone Schembri dam jokkupa l-fond bis-saħħa tal-ordni ta' rekwiżizzjoni mhuwiex meqjus bħala kirja skont l- artikolu 44(2) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, fl-ipoteżi li l-ordni ta' derekwiżizzjoni nħareg wara l-l ta' Ġunju 1995, u f'kaz li wara t-tnehhija tar-rekwiżizzjoni, Leone Schembri baqa' jgħammar fil-fond b'titolu ta' kirja, dik il-kirja bħala waħda li saret wara l-1 ta' Ġunju 1995 ma tistax titqies li hija waħda li tinsab regolata bl-artikoli 3 sa 15 tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew bl-artikolu 1531Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk dan hu hekk, l-azzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti kontra t-tħaddim ta' dawn l-artikoli tal-liġi, ma tistax tirnexxi;

5. Subordinament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu l-esponent jopponi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

6. Ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw l-artikolu 37 tal-Kostituzzioni ta' Malta biex jilmentaw dwar it-tħaddim tal-Kapitoli 16, 69 u 125 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn il-liġijiet, ladarba kienu fis-seħħ qabel l-1962, jinsabu mħarsa bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment li,

“Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien ghal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)";

7. Ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jinvokaw l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea biex jilmentaw dwar ġrajjiet li seħħew qabel it-30 ta' April 1987 bħalma huwa l-ordni ta' rekwiżizzjoni inkwistjoni. Dan qed jinghad ghaliex skont l-artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ebda ksur tal-ewwel protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 m'ghandu jagħti lok għal xi azzjoni quddiem il-Qrati Maltin;

8. Bla ħsara għal dan kollu, f'dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ħruġ tal-ordni ta' rekwiżizzjoni permezz tat-tħaddim tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad li l-ħruġ ta' dan l-ordni sar skont il-liġi u ma jiksrix id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu, 37 tal-Kostituzzjoni; kuntrarjament għal dak li qiegħed jingħad fir-rikors promotur;

Effettivament, l-ordni ta' rekwiżizzjoni de quo kien jikkostitwixxi biss f'miżura ta' kontroll ta' użu tal-proprjeta' fil-forma ta' detenzjoni temporanja ta' dik il-proprjeta' fl-interess ta' persuna li ma kellhiex saqaf fuq rasha;

Isegwi għalhekk li l-protezzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li qiegħda tiġi invokata mir-rikorrenti hija improponibbli u inapplikabbli fiċ-ċirkostanzi odjerni u dan peress li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss f'każ ta' tehid forzuż ta' proprjeta'. Sabiex wieħed ikun jista' jitkellem fuq teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjeta' bħal meta jkun hemm ordni ta' espproprijazzjoni permezz ta' akkwist b'titolu ta' xiri assolut. Pero', ċertament li l-ordni ta' rekwiżizzjoni mertu ta' dan il-każ ma wassalx għal deprivazzjoni totali tal-proprjeta' inkwistjoni b'dan illi l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement kull allegazzjoni f'dan is-sens hija insostenibbli u għandha tiġi miċħuda;

9. F'dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti dwar it-tħaddim tal-Kapitoli 16 u 69 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad li l-artikola 37 (2) (f) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li ebda haga f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem li tolqot 1- għemil jew hdim ta' xi liġi safejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta', li sseħħ fil-kuntest ta' kirja;

Jiġi b'hekk, Ii l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex milqut fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

10. Sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea l-esponent iwieġeb li skont il-proviso ta' dan l-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta’ skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Miżuri soċjali implimentati biex jipprovdu dar ta' abitazzjoni lin-nies fil-bżonn jaqgħu tabilħaqq taħt dan il-proviso;

11. Sewwasew f'dan il-każ, il-ħruġ tal-ordni ta' rekwizizzjoni permezz tat-tħaddim tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta kellu: (i) għan leġittimu għax joħroġ mil-liġi stess, (ii) kien fl-interess ġenerali għax kien maħsub biex persuna fil-bżonn tingħata dar fejn tgħammar; u (iii) iżomm bilanċ ġust u ekwu bejn l-interess tas-sid, tal-okkupant u tal-poplu b'mod ġenerali;

12. F'dak li jirrigwarda t-tħaddim tal-Kapitolu 16 u 69 tal-Liġijiet ta' Malta dawn il-liġijiet għandhom (i) għan leġittimu għax huma fil-fatt liġijiet, (ii) huma fl-interess ġenerali għax huma maħsuba biex jipprotegu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar tal-abitazzjoni tagħhom; u (iii) iżommu bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u tal-poplu b'mod ġenerali;

13. Dwar l-ilment marbut mal-ammont tal-kera jingħad li l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi mekkaniżmu xieraq ta' kumpens;

14. Bid-dhul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-202l, mill-1 ta' Ġunju 2021 'il quddiem, ir-rikorrenti certament ma jistgħux jilmentaw aktar mill-fatt li l-kirja ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Dan għaliex skont l-artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta huma jistgħu jitolbu lill-Bord li jirregola l-Kera, li l-kera tiġi miżjuda għal ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija fis-sena tal-valur ħieles fis-suq miftuh tal-fond ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha tiġi mressqa t-talba għaż-żieda fil-kera. Żieda b'din ir-rata żżomm  bilanċ tajjeb bejn l-interessi tas-sid u tal-kerrej. Wara kollox, hawnhekk wieħed ma jridx jinsa li meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, bħalma huwa (dan il-każ, il-kumpens dovut lis-sidien minħabba l-indħil fit-tgawdija ta' ġidhom, jiġbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur sħiħ tas-suq;

15. Hekk ukoll, dejjem skont l-artikolu 4A tal-Kap 59 tal-Liġijiet ta' Malta, r-rikorrenti jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-post u ma jġeddux il-kirja, jekk juru li l-intimat Schembri ma ħaqqux li jkollu protezzjoni mill-Istat;

16. Għalhekk meta wieħed jiżen dan kollu, il-konklużjoni hija li l-ilmenti tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalita' u dwar id-diffikulta' tagħhom sabiex jieħdu lura l-pussess tal-fond tagħhom mhumiex ġustifikati għaliex ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, b'dana li kull talba konsegwenzjali marbuta ma' dawn l-artikoli mhijiex mistħoqqa;

17. F'kull każ, ir-rikorrenti ma jistgħu qatt jilmentaw dwar perjodi li fihom huma ma kellhom l-ebda jedd legali li jirċievu kumpens jew kera;

18. Fl-aħħarnett, jekk permezz tat-tieni talba tar-rikorrenti, senjatament fejn huma qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tagħtihom rimedju xieraq, 1- istess rikorrenti jridu jfissru li din l-Onorabbli Qorti għandha tordna l- iżgumbrament tal-intimat Leone Schembri mill-fond inkwistjoni, l-esponent umilment jeċċepixxi li din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-forum addattat sabiex tiddeċiedi dwar talba bħal din. Konsegwentement, u jekk dan huwa l-każ, din it-talba għandha tiġi miċhuda wkoll;

19. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat ir-Risposta ta’ tal-Awtorita' tad-Djar li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. L-atturi jridu jagħtu prova tat-titolu tagħhom; u jagħtu prova li ma hemm ebda sidien oħra li jivvantaw drittijiet fuq il-fond de quo;

2. Jjekk l-attur qiegħed jattakka liġijiet li ġew legiżlati l-Awtorita' ma tistax taħti għal tali legiżlazzjoni u l-leġittimu kontradittur huwa haddieħor. Għalhekk jekk din kienet kirja kontrollata u protetta bil-liġijiet l-antiki tal-kera, allura l-Awtorita' tad-Djar mhijiex il-leġittimu kontradittur.

3. Ma jista' jkun hemm ebda leżjoni tal-Konvenzjoni qabel ma dina daħlet fis-seħħ fl-1987 għalhekk kull kumpens li jista' jingħata jrid jiġi meqjus minn dik id-data.

4. Ma kien hemm xejn li huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali fil-ħruġ tal-Ordni ta' rekwizizzjoni. Għalhekk it-talbiet kif impostati ma jistgħux ireġu u għandhom jiġi miċħuda;

5. Ordni ta' Rekwiżizzjoni ma tledix id-drittijiet kostituzzjonali u hija permessa biex tara' li jkun hemm tqassim ġust tal-ġid fil-pajjiż. Il-kostituzzjoni tagħti id-dritt lill-istat li jillimita d-drittijiet tal-propjeta' basta jkun hemm proporzjonalita' bejn il-limitazzjoni fuq id-dritt u l-kumpens imħallas;

6. Ma kien hemm xejn ħażin fil-ħruġ tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni u intant anke hawn ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji għaliex ħadd ma pproċeda biex tiġi sindakata ġudizzjarjament id-diskrezzjoni amministrattiva li ittieħdet meta ħarġu l-ordnijiet;

7. Jiġi rilevat li jekk sa issa kien hemm leżjoni kostituzzjonali minħabba l-kumpens li l-atturi qed jallegaw li kien baxx, minn issa 'l quddiem dan il-fattur ġie korrett bl-emendi li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 bl-Att XXIV tal-2021. Fil-fatt issa bis-saħħa ta' dawn l-emendi s-sidien jistgħu jadixxu l-Bord tal-Kera u jitolbu li l-kera tiżdied sa 2% tal-valur tal-post fis-suq miftuħ u dan a bazi tal-Art 11 (5) tal-Kap 125 introdott bil-liġi indikata hawn fuq. Għalhekk ebda talba għal żgumbrament ma għandha tiġi konsidrata jew milqugħha;

Jekk il-fond ikun għadu okkupat bħala residenza abaŻi ta' ordni ta' rekwizizzjoni u jew abażi ta' kirja li bdiet qabel l-1995 allura s-sidien għandhom rimedju ieĦor li ingħata bl-att XXIV tal-2021 fejn, permezz ta' rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera jistgħu saħansitra jitolbu żieda fil-kumpens jew fil-kera (skont il-każ) sa tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-propjeta'. Għalhekk kull leżjoni li seta' kien hemm bażata fuq it-tħaddim tal-Kap 158, Kap 69 u Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta għal dak li jirrigwarda l-okkupazzjoni mill-1 ta' Ġunju 2021 'il quddiem issa ġiet sanata bl-emendi li saru f'dawn il-liġijiet tramite l-Att XXIV tal-2021. Inoltre għal kirjiet residenzjali ta' qabel l-1995 is-sidien jistgħu anke jitolbu żgumbrament fi żmien sentejn jekk l-inkwilini jkollhom mezzi kif indikat mil-liġi.

8. Ma hemm ebda leżjoni kostituzzjonali jekk l-atturi wirtu l-fond għall-anqas sakemm l-istess fond sar tagħhom fl-2003;

9. Drittijiet fundamentali u d-dritt ta' azzjoni għal-lezjoni ta' drittijet fundamentali ma jistgħux jiġu trasferiti la inter vivos u la causa mortis għaliex dawk huma drittijiet mogħtija personalment lil min ikun issubixxa l-leżjoni. Dawn id-drittijiet huma extra commercium u mhux trasferibbli. Kieku drittijiet fundamentali jistgħu jiġu trasferiti inter vivos jew causa mortis, peress li tali drittijiet m' humiex preskrivibbli allura jista' jagħti l-kaz li l-Istat jiġi anke imfittex għal-leżjoni per ezempju ta' arresti illegali li ġraw ‘il fuq minn mitt sena ilu;

10. Jekk l-atturi saru sidien tal-fond fl-2003 allura ma hemm ebda lezjoni li setgħu sofrew qabel ma wirtu u dan hekk kif jingħad fis-sentenza deċiża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Dicembru 2020 Doreen Grima et. vs Awtorila' tad-Djar et, (Rik nru.167/2019 GM);

11. Fit-22 ta' Ġunju 2021 Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddecidiet hekk fil-kawża Erika Gollcher et vs L-Avukat tal-Istat et. (Rik 116/2019 FDP):

"Dwar il-ħames eċċezzjoni, ġie eċċepit li r-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens għal allegat ksur għal perjodi li setgħu sofrew l-antenati tagħhom.

Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti akkwistaw l-imsemmi fond permezz ta' wirt mingħand ommhom defunta Gerogette Cauchi. Illi huwa leċitu, li l-Qorti tqis biss il-perjodu ta' żmien minn meta r-rikorrenti akkwistaw it-titolu fuq l-imsemmija proprjeta'.

Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' din il-ħames eċċezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar.

12. Jekk l-atturi ma kienux is-sidien meta seħħet l-allegata leżjoni kostituzzjonali (jew parti minnha) allura huma ma għandhom ebda locus standi f’din il-kawża u għalhekk ir-rikors ma jistax jiġi milqugħ;

13. Tant ma hemm ebda leżjoni u ebda piz żejjed li kien qed jinġarr mill-atturi li din l-azzjoni inbdiet biss ħafna snin wara li kienet ħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni cioe fil-23 ta' Novembru 1982 - xejn inqas minn 39 sena wara l-ħruġ tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni;

14. Jekk kien hemm Ordni ta' Derekwiżizzjoni għall-propjeta' tal-kawża in kwistjoni allura ma' jista' jkun hemm ebda leżjoni ta' dritt kostituzzjonali peress li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni lanjat mill-attur ma kinitx għadha teżisti.

15. Dan il-punt ġie emfasizzat iktar bis-sentenza ta' Michael Faruugia vs Avukat tal-Istat et. (Rik. 78/16; deċiża 04 ta' Mejju 2021). Fil-fatt is-sentenza tgħid hekk:

"36. Fl-ewwel lok, jiġi puntwalizzat, li l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt li l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa l-imsemmi fond, abbażi tal-effetti tal-liġi u cioe' tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, billi r-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin f'każijiet bħal dan hija regolata mil-liġi tal-Istat. Għalhekk, il-kontestazzjoni prinċipali da parti

tar-rikorrenti mhijiex ir-rekwiżizzjoni per se, maħruga fl-1975 u mneħħija fl-20 ta' Awwissu 2007. Infatti, r-rekwiżizzjoni tneħħiet fl-2007, u kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Awtorita' tad-Djar, ir-rikonenti qatt ma kkontestaw l-ordni ta' rekwiżizzjoni tramite l-mezzi ordinarji provvduti fil-ligi.

37. Inoltre, l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa u tirrisjedi fil-fond de quo abbażi tal-liġijiet viġenti u mhux abbażi tar-rekwiżizzjoni stante li l-fond ilu derekwiżizzjonat minn Awwissu 2007. Ir-rikorrenti qed jilmentaw minn liġi li qed iċċaħdilhom id-dritt li jieħdu lura l-proprjeta' taghħom, u li jibqgħu jipperċepixxu kera baxxa.

38. Għaldaqstant, għal dan l-ilment żgur m'għandhiex tirrispondi l-Awtorita' tad-Djar. Jiġi ribadit li l-Awtorita' tad-Djar qatt ma kienet vestita b'ebda fakulta’ legislattiva, kwindi ma tistax tiġi tenuta responsabbli għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti. In vista tas-suespost, l-Awtorita' tad-Djar qed tiġi dikjarata li mhijiex il-legittimu kontradittur. Konsegwentement, qed tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju."

16. Iż-żmien li l-atturi jew l-awturi tagħhom ħallew li jgħaddi biex bdew dawn il-proċeduri juri li fil-verita' anke huma ma ħassewx li kien hemm leżjoni għax min iħoss leżjoni dwar drittijiet tal-bniedem soltu jaġixxi b'mod tempestiv. Għalhekk dan it-trapass ta' żmien għandu wkoll jimmilita kontra l-atturi;

17. F’każ li tirriżulta leżjoni tad-dritt fundamentali tat-proprjeta', li kienet u għadha qed isseħħ, allura l-Qorti għandha tiddeċiedi dwar il-leżjoni u tagħti kumpens għal-leżjoni sofferta mid-data li l-atturi saru sidien fl-2003 sad-data tal-preżentata tal-kawża u tieqaf hemm. Il-leżjoni żgur li issa ma tistax tkompli bl-introduzzjoni tal-Att XXIV tal-2021. Ukoll ma jista’ jingħata ebda kumpens għal dak li ġara qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni fl-1987.

18. Jekk il-fond ikun għadu okkupat bħala residenza abażi ta' ordni ta' rekwiżizzjoni u jew abażi ta' kirja li bdiet qabel l-1995 allura s-sid għandu rimedju ieħor li ingħata bl-att XXIV tal-2021 fejn hu, permezz ta' rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera jista’ saħansitra jitlob żieda fil-kumpens jew fil-kera (skont il-każ) sa tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-propjeta'. Għalhekk kull leżjoni li seta’ kien hemm bażata fuq it-tħaddim tal-Kap 158, Kap 69 u Kap 125 tal-liġijiet ta' Malta għal dak li jirrigwarda l-okkupazzjoni mill-1 ta' Ġunju 2021 ‘il quddiem issa ġiet sanata bl-emendi li saru f’dawn il-liġijiet tramite l-Att XXIV tal-2021. Inoltre għandu jingħad li għall-kirjiet residenzjali ta' qabel l-1995 is-sidien jistgħu anke jitolbu żgumbrament fi żmien sentejn jekk l-inkwilini jkollhom mezzi kif indikat mil-liġi;

19. Fuq dawn l-aħħar punti referenza ssir għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali bl-ismijiet Georgina Grima et. vs Awtorita' tad-Djar et (deċiża 01/12/2021; rik nru. 216/19/1) fejn l-istess Qorti kkummentat fuq l-okkupazzjoni tal-inkwilina vis-a-vis l-emendi li daħlu fis-seħħ b' permezz tal-Att XXIV ta' 2021:

"Fir-rigward imbaghad tad-dikjarazzjoni li qed tiġi mitluba relattiva għall-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza appellata ma saret l-ebda determinazzjoni dwar il-validita' konvenzjonali jew kostituzzjonali tal-emendi tal-2021, għaliex tali determinazzjoni qatt ma ġiet mitluba minn xi ħadd mill-partijiet" Għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara li Janice Schembri ma tistax tibqa' tibbenefika mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni in kwistjoni, ġaladarba din id-dikjarazzjoni ġġib fix-xejn l-emendi msemmija minkejja li dawn ma ġewx dikjarati invalidi mill-Qorti. Il-Qorti tosserva li skont l-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat fl-2021 il-ħlas dovut għall-okkupazzjoni tal-fond jista' jiġi awmentat għall-ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-fond liberu u frank fuq is-suq liberu. Dan ifisser li għalkemm fl-imgħoddi din l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet leżiva kif korrettement sabet l-ewwel Qorti, illum-il gurnata bl-emendi introdotti fl-2021, għad irid jiġi aċċertat jekk din il-leżjoni għadhiex preżenti jew ġietx indirizzata b'mod effikaċi.

Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ kif provdut fil-paragrafu preċedenti. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' in parti l-appell tal-Awtorita' tad-Djar, tħassar l-ordni tal-ewwel Qorti li l-intimata Schembri m'għandhiex tibqa' tgawdi mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' din il-kawża u tiddikjara li din is-sentenza hija bla ħsara għall-applikabilita' tal-emendi li ġew introdotti permezz tal-Att XXIV tal-2021.

20. Fis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Dicembru 2021 bl-ismijiet Simon Mercieca vs Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat; Awtorita' tad-Djar; Mary Magliett, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk ukoll:

"Tifdal il-kwistjoni jekk il-kerrejja Mugliett tistax tkompli tinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] kif issa emendat.

Ċertament l-emendi mdaħħla fil-Kap. 69 bl-Att XXIV tal-2021 ma jħassrux it-telf li ġarrab l-attur qabel daħlu fis-seħħ, u għalhekk dawk l-emendi ma jolqtux il-likwidazzjoni tad-danni. Min-naħa l-oħra l-ewwel qorti sabet li d-dispożizzjonijiet tal-Kap.69 li jiksru l-jeddijiet tal-attur kienu dawk fis-seħħ meta nfetħet il-kawża, u mhux dawk li daħlu fis-seħħ wara. Barra minn hekk, l-attur ma ghandu ebda jedd miksub ta' żgumbrament tal-konvenuta Mugliett, billi l-ewwel qorti, għar-raġunijiet tajba mogħtija fis-sentenza, ma ordnatx l-iżgumbrament. Għalhekk ma hemmx raġuni ghala l-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinqeda bil-Kap. 69 kif issa emendat.

Dik il-parti tas-sentenza li żżomm lill-konvenuta Mugliett milli tinqeda bil-Kap. 69 għandha għalhekk titħassar.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata:

i. tħassarha fejn illikwidat kumpens ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000) u, minflok, tillikwida d-danni pekunjarji u morali li ġarrab l-attur fis-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u tliet ewro (€14,303), u tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

ii. tħassarha fejn iddikjarat illi "tidderiġi lill-intimata Mary Mugliett sabiex ma tibqax tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-liġijiet ta' Malta" billi s-sejbien illi l-Kap. 69 kien bi ksur tal-jeddijiet tal-attur jolqot id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza kif kienu qabel l-emendi magħmula bl-Att XXIV tal-2021, u għalhekk il-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinżamm milli tinqeda b'dik l-Ordinanza kif issa fis-seħħ."

Rat li b'verbal tagħha tal-11 ta' Ottubru 2022 ħatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jistabilixxi l-valur lokatizju u l-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* mis-sena 1987 u kull ħames snin sussegwenti sas-sena 2021.[1]

Rat ir-relazzjoni tal-Perit tekniku minnha maħtura ppreżentat fil-21 ta' Novembru 2022.[2]

Rat illi minkejja l-intimat Schembri huwa debitament notifikat[3], baqa' ma ppreżenta ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilu mil-liġi u għalhekk għandu jitqies li huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-każ.

[1] Fol. 71.
[2] Fol. 90.
[3] Fol. 41.

**Ikkunsidrat:**

Omm ir-rikorrenti wirtet sehem indiviż mill-fond numru 198, Triq il-Vitorja, Ħamrun qabel magħruf bħala 9, Brewery Street, Ħamrun mingħand ommha (in-nanna materna tar-rikorrenti) flimkien ma' żewġ ħutha oħra permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Francesco Tabone Adami datat 9 ta' Ġunju 1953. Omm ir-rikorrenti mietet fit-2 ta' Settembru 1982 u permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia tal-10 ta' Jannar 1980 innominat eredi liż-żewġt uliedha – ir-rikorrenti.

Il-proprjeta' in kwistjoni ġiet assenjata lir-rikorrenti permezz ta' att ta' qasma ppubblikat fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tal-24 ta' Jannar 2003[4].

Din il-proprjeta` ingħatat lil ċertu Carmelo Caruana b'titolu ta' subenfitewsi temporanja għal perjodu ta' sbatax-il sena permezz t'att ippubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia fl-14 ta' Ġunju 1965[5]. Caruana (jew l-aventi kawża tiegħu) taha ċ-ċwievet tal-fond lura lill-*Housing Secretary* li iktar tard irrekwiżizzjona l-fond taħt il-Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta u allokah lill-intimat Schembri skont ordni ta' rekwiżizzjoni numru 32778 maħruġ fit-23 ta' Novembru 1982[6]. Il-fond ġie derekwiżizzjonat fit-18 ta' Mejju 1998 iżda l-intimat baqa' jokkupa l-fond b'titolu ta' kera. Illum il-ġurnata Schembri jħallas €208.80 kera fis-sena.

**Leġittimazzjoni passiva:**

[4] Dok. RD1 a fol. 8.
[5] Dok. RD2 a fol. 10.
[6] Dok. RD3 a fol. 15.

L-Intimat Avukat tal-Istat u l-Awtorita' tad-Djar jsostnu li mhumiex il-leġittimu kontradittur anke jekk għal perjodi differenti. Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw mill-effetti tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni li minħabba fiha huma kienu kostretti jiċċaħdu mill-pussess effettiv tal-fond *de quo* għal snin twal u jaċċettaw kera ta' valur insinifikanti. In kwantu l-Awtorita` (jew il-predeċessur tagħha) hija l-organu tal-Gvern li ħareġ l-Ordni, hija bla dubju leġittimarja passiva idoneja. In kwantu l-Ordni ġiet maħruġa taħt liġi li trażżan l-ammont tal-kera, l-Avukat tal-Istat huwa wkoll leġittimu kontradittur bħala rappreżentant tal-Istat li għadda l-liġi in kwistjoni.

**Titlu:**

Mill-provi li r-rikorrenti esebixxew, juru li tassew għandhom dritt ta' proprjeta` fuq il-fond mertu ta' din il-kawża.

**Ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat – l-intimat Schembri ma jgawdix minn kirja li tiġġedded skont il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex ma jirriżultax li saret kirja qabel l-1 ta' Ġunju, 1995:**

L-Avukat tal-Istat jeċepixxi illi peress li derekwiżizzjoni saret fl-1998 u l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili ma japplikawx, u dan fid-dawl tal-artikolu 44(2) tal-Kapitolu 69. Għalhekk, almenu sad-data ta' meta ġie derekwiżizzjonat il-fond mertu ta' din il-kawża, ma kien hemm l-ebda kirja bejn is-sid tal-fond u l-intimat. Ir-relazzjoni ġuridika tal-intimat kienet mal-Awtorità tad-Djar u kienet regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar id-Djar) u mhux bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69.

Dan l-aħħar, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Jeremy Cauchi v. Avukat tal-Istat**[7] ikkummentat li:

> Rigward ir-referenza li saret għall-Artikolu 44(2) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tirrileva illi dan is-sub-artikolu jeskludi biss l-applikazzjoni tal-Artikolu 44 u mhux tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta fl-intier tiegħu.
>
> Għalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa ċar li f'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn il-kera kienet ilha tiġi mħallsa direttament lis-sidien u aċċettata minnhom minn qabel l-1995 u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali magħmula, inħolqot relazzjoni ta' lokazzjoni bejn is-sidien u l-intimati Caruana ben qabel il-ħruġ tal-Ordni ta' Derekwizizzjoni. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-atturi huwa fondat u qiegħed jiġi milqugħ."

Kif irriżulta mill-atti tal-kawża, l-inkwilin ilu jħallas kera lis-sidien, li aċċettawha, sa mis-sena 1982. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa.

**Applikabilita` tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni:**

Sewwa jeċepixxi l-Avukat tal-Istat fis-sitt u fid-disa' eċċezzjoni tiegħu li

- L-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax f'għadd ta' ċirkostanzi msemmija fis-subartiklu (2) tiegħu, fosthom li l-ebda ħaġa f'dan l-Artiklu m'għandha tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta` li sseħħ fil-kuntest ta' kirja (Art.37(2)(f)).

-Il-Kap 69, Kap 16 u Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta huma protetti mill-Art. 47(9) tal-Kostituzzjoni li teżenta mill-effetti tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta' kull liġi fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962.

---

[7] 26.01.2022

Barra minn hekk, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza riċentissima **Martinelli v Avukat Generali**[8] stabbiliet li "għalkemm il-Kap 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962 dawk il-liġijiet m'għandhomx l-effetti msemmija fil-para. (a) sa (d) tal-Art. 37(9)". Għalhekk l-Avukat tal-Istat sewwa qal illi l-Kap 69 kif emendat, ma jintlaqax bl-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni.

**It-tmien eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat; m'hemmx deprivazzjoni ta' proprjeta`; semmai ta' użu, u kwindi m'hemmx ksur tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni.**

Din l-eċċezzjoni tisfa' waħda akkademika in vista ta' dak li l-Qorti għada kif qalet fil-paragrafu ta' qabel dan.

**Perjodu qabel ir-rikorrenti saru sidien:**

Ir-rikorrenti daħlu fiż-żarbun tad-*decuius* bħala eredi għaldaqstant jgħodd il-perjodu rilevanti li matulu l-ante-kawża tar-rikorrenti kienu proprjetarji tal-fond de quo u dan skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Nutar Dottor Pierre Cassar v Avukat tal-Istat** tal-4 ta' Mejju 2022. Dan sa mhux qabel it-30 ta' April 1987 meta daħal fis-seħħ il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u sas-27 ta' Mejju 2021 meta daħal fis-seħħ l-Att XXIV.2021. Kif sejjer jiġi spjegat iktar 'l isfel, dan l-Att ġab bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin. Permezz tal-att ta' diviżjoni tas-sena 2003, huma intitolati għal-kumpens sħiħ. Qabel is-sena 2003, ommhom kienet werrieta flimkien ma' żewġt ħutha oħra u għalhekk huma intitolati għal-terz tal-kumpens.

[8] Lilian Martinelli v Avukat Generali 23.11.2020

Bħala l-entitá responsabbli mill-ordni ta’ rekwiżizzjoni l-Awtorita` hi responsabbli għal ksur tad-drittijiet tas-sidien bejn is-sena 1987 u s-sena 1998. Mis-sena 1998 sas-sena 2021 huwa responsabbli l-Avukat tal-Istat.

**Kera Adekwat u Ripreża tal-fond:**

L-intimat Avukat tal-Istat permezz tat-tlettax, erbatax u ħmistax-il eċċezzjoni tiegħu u l-intimata Awtorita` tad-Djar permezz tas-seba’ u t-tmintax-il eċċezzjoni tagħha, issollevaw in-nuqqas ta’ eżawriment tar-rimedji ordinarji u dan taħt il-liġi ordinarja (l-Art. 8 tal-Kap 125 u l-Art. 4A tal-Kap 69 ). A rigward tal-artikolu 8 tal-Kap 125 - L-Att dwar id-Djar, iċ-ċirkostanzi li l-liġi imsemmija tippermetti kontestazzjoni huma estremi tant li r-rekwizizzjonat irid juri li bir-rekwiżizzjoni ser ibati konsegwenzi ħorox u li l-fatt li hu jixtieq il-pussess tal-bini għall-użu tiegħu nnifsu jew; xi ħadd tal-familja tiegħu fiha innifsha ma titqiesx bħala tbatija ta’ konsegwenza ħarxa. Fl-ahhar mill-ahhar, il-Qrati ordinarji mhumiex aditi bil-ġurisdizzjoni oriġinali materja ta’ leżjoni ta’ drittijiet l-aktar fondamentali. Dan jispetta lill-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali tagħhom. Din il-Qorti tifhem ukoll li ċ-ċittadin li qiegħed isofri ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu jew ta’ theddida ta’ ksur, mhuwiex tenut li jfittex rimedju quddiem il-Qrati ordinarji meta dan ikun ineffettiv.

Imbgħad a rigward tal-Art. 4A jiffakoltizza li l-kera ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t’abitazzjoni. Dawn l-Artikli ġew miżjudin permezz tal-Att XXVII tal-2018 u permezz tal-Att XXIV tal-2021. Tabilħaqq

tajjeb jew ħażin dawn l-artikli jippruvaw joħolqu bilanċ bejn l-inkwilin u sid-il kera, u fil-każijiet hemm imsemmija jista' jwassal saħansitra għat-tmiem tal-kirja. Ir-rata ta' kera fis-suq ħieles ta' bħalissa hija ġeneralment meqjusa bir-rata ta' 3.5% tal-valur kummerċjali tal-proprjeta`. L-Att XXIV.2021 jagħti d-dritt sa massimu ta' 2%. Tenut kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu, li l-kera li s-sid huwa intitolat għalih huwa inqas minn dik kummerċjali minħabba l-kunsiderazzjoni soċjali tal-ħarsien tal-akkomodazzjoni residenzjali, din ir-rata hija waħda ġusta u għalhekk mid-data tal-promulgazzjoni ta' dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-liġijiet tal-kera *de quo agitur* m'għadhomx jiksru d-dritt fundamentali tat-tgawdija tal-proprjeta`. Qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak l-Att iżda l-istorja kienet differenti u r-rikorrenti għandhom raġun fir-rigward ta' dak il-perjodu.

Din l-eċċezzjoni għalhekk għandha mis-sewwa biss wara l-promulgazzjoni tal-Att XXIV tal-2021.

**Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:**

Huwa minnu li l-Konvenzjoni tagħti marġini t'apprezzament wiesa lill-Istati Membri biex jilleġiżlaw sabiex jikkontrollaw l-użu tal-proprjeta` skont l-interess ġenerali, iżda huwa daqstant ieħor stabbilit li dan l-eżerċizzju jrid isir b'mod proporzjonali. L-isproporzjon f'dan il-każ huwa lampanti u dan jidher mir-rapport tal-perit tekniku.

Kif ingħad, il-lanjanza tar-rikorrenti hija illi ġie leż id-dritt tagħhom tal-proprjeta', kif protett mill-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fuq ċitat. Ġie ritenut illi dan l-artikolu jikkomprendi tlett regoli distinti, kif ġew espressi fil-kawża **Sporrong and Loenroth v Sweden** (1982) deċiża mill-Qorti Ewropeja fl-1982. Din is-sentenza, fost affarijiet oħra tgħid illi:

> *"That article comprises three distinct rules. The first rule, which is of a general nature, announces the principle of peaceful enjoyment of property. It is set out in the first sentence of the first paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the same paragraph. The third rule recognises that States are entitled, amongst other things to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph."*

Ma hemmx dubju li l-att innifsu ta' rekwiżizzjoni ta' proprjeta` u l-ordni tal-Istat biex is-sid jikri dik l-istess proprjeta' lill-persuna partikolari u b'ammont ta' kera speċifiku (fil-każ tagħna skont il-liġijiet tal-kera viġenti li huma ntenzjonati li jipproteġu lill-kerrej) hija limitazzjoni fuq dak id-dritt ta' proprjeta'. Għalhekk il-Qorti trid tara jekk dik id-deprivazzjoni allegata mir-rikorrenti, jew ċertament dik il-limitazzjoni tal-użu tal-proprjeta' hijiex permissibbli skond l-artikolu in kwistjoni: "*The Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interests of the comunity and the requirments of the protection of the individual human rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1.* (**Sporrong et v Sweden**, *supra)*. Fl-istess sentenza l-Qorti qalet li hija trid tara jekk ir-rikorrent ikunx ġie mġiegħel iġorr dik li ssejħet "*an individual and excessive burden*". L-awtriċi Monica Carss-Frisk tgħid illi oltre dan, "*an interference with property is also subject to the requirement of legal certainty or legality ... legal*

*certainty requires the existence of and compliance with adequately accessible and sufficiently precise legal domestic provisions*."[9]

F'dan il-każ ma hemmx dubju li r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni allura m'hemmx wisq diffikolta` biex wieħed jasal għall-konklużjoni li l-ewwel regola ndikata mis-sentenza ta' Sporrong hija sodisfatta.

Fir-rigward tat-tieni regola msemmija, l-istess sentenza qalet illi:

> "*In the absence of formal expropriation, that is to say a transfer of ownership the Court considers that it must look behind the appearances and investigate the realities of the situation complained of... Since the Convention is intended to gurantee rights that are 'practical and effecitve' it has to be ascertained whether the situation amounted to a de facto expropriation as was argued by the applicants".*

It-tielet regola tapplika meta "*an interference with property is intended or is part of a legislative scheme whose purpose is to control the use of property*."[10] Dan jinkludi każi bħal dak li għandha quddiemha l-Qorti, u ċjoe` l-kontroll tal-kiri tal-proprjeta`. Fil-każ in eżami dan il-fatt ma jistax jiġi maqtugħ mill-ordni ta' rekwiżizzjoni *ut sic*). Fil-każ **Mellacher v Austria** (1989) ġie deċiż mill-Qorti Ewopeja illi l-kontroll simili jammonta għall-esproprijazzjoni *de facto*.

Għandu jingħad ukoll li l-istess Qorti ddeċidiet illi d-dritt sanċit permezz ta' dan l-artikolu mhux ristrett biss għall-relazzjoni ġuridika diretta bejn stat u ndividwu iżda wkoll meta l-istat idaħħal miżuri li jeffetwa l-istess dritt billi jittrasferixxi l-pussess jew jibbenefika b'xi mod, individwu jew individwi oħra jew b'xi mod

[9] A guide to the implementation of Article 1 of Protocol 1 to the ECHR – p. 9.
[10] Carss-Frisk, *supra* p. 24.

jirregola l-proprjeta' in kwistjoni[11]. Fl-ewwel każ il-Qorti qalet in fatti illi "*a deprivation of property for no reason other than to confer a private benefit on a private property cannot be in the public interest*." Dan allura japplika għal din il-kawża .

Stabbilit dan, il-Qorti trid tiddeċiedi jekk it-teħid ta' pussess ta' proprjeta` biex tinkera skont il-liġijiet fis-seħħ dak iż-żmien, huwiex ġustifikat.[12]

Il-Qorti Ewropea ġia kellha okkażjoni tikkummenta f'każi li rrigwardjaw lil Malta li għalkemm m'hemmx dubju li l-Istat għandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni deċenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tiegħu stess, individwu jiġi pprivat mill-użu liberu tal-proprjeta` għal ħafna snin u fil-frattemp jirċievi kera miżera, jammonta għall-ksur tad-dritt in kwistjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti ssib ksur t'Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Għalkemm l-Istat Malti ħa miżuri taħt il-liġijiet tal-kera msemmija huma legali u meħtieġa għall-interess pubbliku, b'danakollu jiksru l-prinċipju tal-proporzjonalita`.

Għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet, lanqas jistgħu jintlaqgħu.

**Żgumbrament:**

Ma kienx hemm talba speċifika għall-iżgumbramnet tal-intimat Schembri u għalhekk it-tħassib tal-Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward huwa bla bażi.

[11] James v United Kingdom" – 1986 u Bramelid et v Sweden – 1979.
[12] A guide to the implementation of Article 1 of Protocol 1 to the ECHR - Monica Carss-Frisk – p. 31.

**Likwidazzjoni ta' kumpens:**

Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta' €105,000. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1987 sa 2021 tela' minn €432 għal €3,675.

Fid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropea, **Cauchi vs Malta** tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjeta` kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-Ewwel Qorti[13] fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil:

> "12. Din il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li l-fatt waħdu li sidien il-kera jkunu damu s-snin qabel ma fittxew rimedju, m'huwiex rilevanti għall-finijiet tal-kumpens pekunjarju (ara per eżempju sentenza John Pace v. Avukat tal-Istat et tat-28 ta' Jannar 2021), u li semmai jista' jkollu konsegwenza biss fil-każ ta' kumpens non-pekunjarju."[14]

Bħala konsegwenza tal-fatt li l-Istat kiser id-drittijiet tal-atturi kif sanċiti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropea, l-Istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti kumpens pekunjarju li jammonta għal dsatax-il elf ewro (€19,000) li għandu jinqasam ugwalment bejn ir-rikorrenti. Dan l-ammont inħadem konformement mal-prinċipji suesposti kif ġej:

---

[13] Fl-istess ismijiet deċiża fid-29.10.2020 PA - JZM

[14] Sammut Carmel sive Charles et v Dimech Maria Stella et – 26.05.2021 – QK

| MIS-SENA | SAS-SENA | VALUR LOKATIZZJU | KERA MĦALLSA |
|---|---|---|---|
| 1987 | 1991 | (€432 x 5) **€2,160** | (€158.40 x 5) = **€792** |
| 1992 | 1996 | (€592 x 5) **€2,960** | (€158.40 x 5) = **€792** |
| 1997 | 2001 | (€811 x 5) **€4,055** | (€158.40 x 5) = **€792** |
| 2002 | 2006 | (€1,111 x 5) **€5,555** | (€158.40 x 5) = **€792** |
| 2007 | 2011 | (€1,522 x 5) **€7,610** | 2007-2009 (€158.40 x 3) = **€475.20** |
| | | | 2010-2011 (€185 x 2) = **€370** |
| 2012 | 2016 | (€2,075 x 5) **€10,375** | 2012-2013 (€185 x 2) = **€370** |
| | | | 2014-2015 (€197.60 x 2) = **€395.20** |
| | | | 2016 – **€203.40** |
| 2017 | 2020 | (€2,857 x 4) **€11,428** | 2017-2018 (€203.40 x 2) = **€406.80** |
| | | | 2019-2020 (€208.80 x 2) = **€417.60** |
| 2021 | | **€3,675** | **€208.80** |
| TOTAL | | **€47,818** | **€6,015** |

<u>1987-2002</u>

€10,286 - €2,534.40 = €7,751.60

€7,751.60– 35% = €5,038.54

€5,038.54– 20% = €4,030.83/3 = €1,343.61

<u>2003-2021</u>

€37,532 - €3,480.60 = €34,051.40

€34,051.40– 35% = €22,133.41

€22,133.41– 20% = €17,706.72

**Total**: €1,343.61 + €17,706.72 = €19,050.34 - **€19,000**

Il-Qorti tqis li s-somma ta’ €1,000 hija biżżejjed bħala kumpens għal dannu morali.

***Decide*:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn m’humiex kompatibbli ma’ din is-sentenza.

(2) Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti u dawk li rriżultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors; il-Kap.125 tal-Liġiiet ta’ Malta; l-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni 32778/82; il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta u d-dispożizzjonijiet tal-Att X tal-2009, b’mod partikolari kif emendat bl-Artiklu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif imħarsa bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Umani  bejn is-sena 1987 u s-sena 2021.

(3) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-lokazzjoni tal-fond imsemmi kisret id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif imħarsa fl-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tul iż-żmien imsemmi.

(4) Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-intimati Awtorita' tad-Djar u L-Avukat tal-Istat huma responsabbli għall-kumpens għad-danni mġarrba mir-rikorrenti minħabba r-rekwiżizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma żammitx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin stante li ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta` in kwistjoni.

(5) Tilqa' r-raba' u l-ħames talba u tillikwida l-kumpens fis-somma ta' €19,000 bħala danni pekunjarji  €1,000 danni mhux pekunjarji li għandhom jinqasmu ndaqs bejn ir-rikorrenti u tikkundanna lill-Awtorita' tad-Djar tħallas terz tal-ammont hekk likwidat u l-Avukat tal-Istat iħallas ir-rimanenti żewġt terzi bl-imgħax legali ta' 8% fis-sena mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

Spejjeż terz a kariku tal-Awtorita' tad-Djar u żewġ terzi a kariku tal-Avukat tal-Istat, esklużi l-ispejjeż żejda li saru minħabba li l-kawża saret b'rikors ġuramentat minflok b'sempliċi rikors, li huma a karigu tar-rikorrenti.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA